# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D

Appell Nru. 105/2017

Seduta tas-26 ta' Gunju 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pier Guido Saliba)**
**Vs**
**Elton Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Elton Briffa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 288188(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Mejju 2016 għall-ħabta ta' ejn 4:45hrs u 5:00hrs ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACC 549;

1. Saq vettura numru ACC 549 b'manjiera (a) traskurata.
2. Saq vettura numru ACC 549 b'manjiera (b) bla kont.
3. U b'nuqqas ta' ħsie u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru GLY 027 w involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Ecabs Comġany Limited.
4. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vattura numru ACC 549 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.
5. U aktar talli rrifjuta jew naqas milli jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Elton Briffa ħati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), il-ħames (5) akkuża u kkundannatu multa komplessiva ta' elf u tliet mitt Ewro (€1,300) u ordnat li jiġi skwolifikat mill-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Elton Briffa , ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din il-Qorti **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li **TIKKONFERMA** dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwetement illiberatu minnhom, **TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u l-ħames (5) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwetement **TILLIBERAĦ** minnhom; jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni

tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravji imressqa mill-appellant, huwa jikritika l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti u dan meta ighid illi ma kien hemm l-ebda prova li s-sewqan tieghu kien wiehed bla kont u traskurat u ukoll illi l-prova tar-rifjut li joqghod ghat-test tan-nifs ma saritx skont il-ligi billi l-ufficjali tal-pulizija li hadu hsieb jamminsitraw dan it-test qatt ma tressqu biex jixhdu sabiex jikkonfermaw t-test minnhom maghmul. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi ezaminati ghalhekk mill-gdid il-fatti tal-kaz u mismugha x-xhieda li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta mill-atti probatorji illi nhar id-19 ta' Mejju 2016, l-pulizija distrettwali ta' San Ġiljan ġew infurmati li qabel il-mina ta' San Ġiljan li tagħti fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema, kienet seħħet

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

kolliżżjoni bejn żewġ vetturi, vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni GLY027 li kienet misjuqa minn Dominic Mercieca u vettura bin-numru ACC549 tal-għamla BMW li kienet misjuqa mill-appellant. Meta l-pulizija wasslu fuq il-post giehom suspett raġjonevoli li s-sewwieq tal-BMW, u cioe' l-appellant, seta' kien fis-sakra u allura PC1221 u PC1505 ħadu lill-appellant lejn l-għassa ta' San Ġiljan biex isirlu t-test tan-nifs. Jidher illi kien PC874 Wayne Briffa li ta t-twissija skond id-dettami tal-artikolu 15D tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta lill-appellant fil-preżenza ta' PC1121 Ian Vella u dan qabel gie amministrat t-test iżda l-appellant rrifjuta li jagħmel it-test xorta waħda. Billi l-appellant ma kienx f'qagħda li jsuq lura d-dar waħdu, isejjah missieru sabiex jakkompanjah u gie nfurmat li kienu ser jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu.

Illi l-appellant instab ħati tar-reati regolati fil-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' dawk imfassla fl-artikoli 15(1)(a), u 15A u 15E. L-appellant jilmenta illi ma hemmx provi in atti li jindikaw illi s-sewqan tieghu kien wiehed traskurat u bla kont. Din il-Qorti madanakollu ma tistax tikkondividi din il-kritika diretta lejn id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti. Dan ghaliex mix-xhieda ta' Dominic Mercieca magħdud flimkien mar-rapport tal-PIRS u finalment anki mid-deskrizzjoni tal-ħsarat riskontrati fuq il-vettura misjuqa minn Mercieca kif jrrizulta mix-xiehda ta' Andrew Bezzina, jidher illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-ħtija tal-appellant li kien qed isuq fl-istess direzzjoni tal-vettura misjuqa minn Mercieca u ghal xi raguni habat fih billi invada il-karreggjata tan-naha ta' gewwa fejn kien qed isuq Mercieca. Merceica igħid li s-sewwieq ta' din il-vettura, ghalkemm hu ma rahx minn wiccu, kien qed isuq b'veloċita' konsiderevoli għax raħ mill-mera tiegħu tant li pprova jiskapulaħ, izda din il-vettura xortawahda laqtitu bis-saħħa fuq il-ġenb. Mhux biss izda wara li sar l-impatt, din il-vettura baqghet sejra minghajr ma waqqfet. Ghalkemm allura Mercieca ma kienx f'posizzjoni jikkonferma li l-appellant kien qed isuq din il-vettura, madanakollu mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija sussegwentement irrizulta li dan kien l-appellant li sabuh wieqaf qabel il-mina ta' San Ġiljan fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema bi ħsarat fil-vettura tiegħu.

Meta ġie mitkellem mill-pulizija l-appellant ikkonferma li kien involut f'inċident stradali u li kien ħabat ma' vettura oħra iżda jgħid li hu kien raqad fuq l-i*steering wheel* u meta ġara hekk għelbitu rasu u minflokk għafas il-break hu ghafas il-gass u baqa dieħel f'karrozza oħra. Dawn il-fatti jerga' jindikahom fir-rikors tieghu tal-appell u kwindi din il-Qorti tqies illi l-istess mhumiex kontestati. Illi mix-xhieda ta' Andrew Bezzina imbaghad jirrizulta illi l-ħsarat riskontrati fil-vettura misjuqa minn Mercieca kienu konsiderevoli u ghalhekk huma indikattivi tal-estent tal-impatt u tas-saħħa li biha kien qed isuq l-appellant meta kellu l-inċident ma' Mercieca.

Illi anke jekk *gratia argomenit* din il-Qorti kellha tistrieh fuq il-verzjoni tal-appellant, tqies illi r-reat xortawahda jirrizulta ippruvat u dan ghaliex huwa dmir ta' kull sewwieq illi jkollu attenzjoni shiha fuq is-sewqan tieghu meta jkun fit-triq u allura illi l-hin kollu izomm *a proper lookout*. Dan evidentement ma sehhx f'dan il-kaz bl-appellant ighid li raqad fuq l-i*steering wheel* u minflok hassu ghajjien u waqqaf, kompla jsuq u dan b'velocita eccessiva. Dan certament jammonta ghal sewqan traskurat u bla kont u allura l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal sejbien ta' htija.

L-istess, madanakollu, ma jistax jinghad ghas-sejbien ta' htija ghar-reat mahsub fl-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 u dan meta l-appellant irrijuta joqghod ghat-test tan-nifs, liema reat johorg mis-sub-inciz (4) fejn jinghad illi:

> ***(4) <u>Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza kun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:</u>***[2]
>
> ***Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.***

[2] Emfażi tal-Qorti.

Dan ghaliex immaterjalment mill-ilment gdid li l-appellant iqajjem biss fi stadju ta' trattazzjoni u cioe' illi huwa ma giex moghti d-dritt li jiehu parir legali qabel ma inghatatlu t-twissija, l-ufficjali tal-pulizija inkarigati biex jaghtu din it-twissija u li sussegwentement amministraw it-test tan-nifs qatt ma tressqu quddiem l-Ewwel Qorti biex jikkonfermaw dawn il-fatti. L-uniku membru tal-pulizija illi xehed permezz tal-procedura ta'l-affidavit, u cioe' is-surgent Ivan Vella, ma kienx il-pulizija li ta t-twissija lill-appellant jew li ntenta jagħmillu t-test tan-nifs, u lanqas ma huwa dak li ħareġ ir-riżultat aħħari jew li ffirma ir-rapport finali indikattiv tar-rifjut tal-appellant, u li hu ezebiet in atti. Iz-zewg pulizija involuti kienu PC874 u PC1121 u dan kif jirrizulta mir-rapport PIRS ukoll ezebiet in atti, bir-rapport dwar it-test tan-nifs jigi iffirmat minn PC874, liema ufficjali tal-pulizija qatt ma iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti biex jikkonfermaw dan il-fatt. Jingħad allura li l-ewwel Qorti bbażat ruħha fuq prova *hearsay* dwar fatti li essenzjalment setgħu jiġu ikkonfermati minn min kien direttament involut u mhux minn PS845 li kien l-ufficjal tal-pulizija li dahhal ir-rapport biss. Illi allura l-qorti ser tghaddi beix tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

Illi jifdal biss l-aggravju imqanqal dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi in vista tal-fatt illi l-appellant ser jigi illiberat mill-hames akkuza ser jkun hemm temperament fil-piena. Madanakollu xoartawahda il-Qorti ser timponi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan u dan fit-termini tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa jidher mill-fedina penali tal-appellant illi hu kien diġa nstab ħati darbtejn qabel dwar reati marbuta ma' infrazzjonijiet tat-traffiku u allura ghalkemm ser jkun hemm temperament fil-multa inflitta fid-dawl tal-fatt li l-appellant ser jiġi illiberat mill-ħames akkuża, madanakollu l-iskwalifika tal-licenjza tas-sewqan ma hijiex ser tinghata fil-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell *in parte* tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata tal-24 ta' Frar 2017, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, tikkonfermaha fejn hu ġie illiberat mit-tielet u mir-raba imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, filwaqt li tirrevokaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ħames akkuża u minflok tilliberah minnha. Tvarja il-piena inflitta, tikkundanna lill-appellant multa ta' tmien mitt Ewro (€800) u tordna l-iskwalifika mill-liċenzji kollha tas-sewqan tal-appellant għal żmien xahar dekoribbli mil-lum.

Edwina Grima
Imhallef